# Dun Karm u Żmenijietu

L-Ewwel Konferenza 'Dun Karm' mill-
Prof. Ġużè Aquilina B.A., LL.D., Ph.D.(Lond.), F.R.A.S.

## Daħla

Din l-ewwel Konferenza DUN KARM u l-oħrajn li għad isiru 'l quddiem setgħu jsiru bil-ġenerożità tas-Sinjorina Karmen Mikallef Buħaġar. Kienet ilha s-snin taħseb kif tista' tħalli tifkira dejjiema li biha tweġġaħ lil Dun Karm. L-ewwel ħsieb tagħha kien li tinxtara d-dar fejn twieled il-poeta. Meta din l-idea, għalissa, ma setgħetx isseħħ, ħadet il-parir ta' ħafna ħbieb tal-Malti u waslet għall-konklużjoni li tħalli somma flus biex biha l-Università tagħti żewġ premjijiet u tagħmel Konferenza.

Bil-kuntratt tas-6 ta' Novembru 1975 Karmen Mikallef Buħaġar ħalliet lill-Università l-flus biex bl-imgħax tagħhom isir premju kull sentejn għall-aħjar teżi fid-Dipartiment tal-Malti għall-B.A.(Hons.) u għall-M.A. u ssir kull sentejn Konferenza dwar Dun Karm. Il-konferenza ssir fit-13 jew it-18 ta' Ottubru, jum il-mewt jew twelid il-poeta, waqt li ż-żewġ premjijiet jitħabbru wkoll f'waħda miż-żewġ dati.

Bis-saħħa ta' dan il-kuntratt inħatar kumitat magħmul mir-Rettur u l-Kap tad-Dipartiment tal-Malti t-tnejn ex officio u minn Ġużè Cardona bħala rappreżentant tagħha f'Malta. Il-kumitat, billi għas-sena 1975 il-Konferenza ma setgħetx issir fil-ġranet stabbiliti, għażel il-5 ta' Marzu 1976, jum it-twelid ta' M. A. Vassalli, bħala data alternattiva u l-Konferenzier magħżul kien il-Prof. Ġużè Aquilina li ta kontribut mhux żgħir fil-Malti fl-aħħar 39 sena.

IL-KUMITAT

Qabel nibda t-taħdita ta' llum irrid nirringrazzja lill-kumitat imwaqqaf biex isseħħ il-Fondazzjoni magħmula mis-Sinjorina Karmen Mikallef Buħaġar, talli għoġobhom jagħżlu lili, bħala l-Professur tal-Malti fl-Università, biex nagħmel l-ewwel taħdita f'din is-sensiela ta' taħditiet oħra fuq Dun Karm li għad iridu jsiru biż-żmien.

It-taħdita tiegħi, kif tafu, hija dwar *Dun Karm u Żmenijietu*. Jiena u oħrajn ktibna fuq Dun Karm bħala poeta. Il-ħabib tiegħi, is-Sur Ġużè Cardona, ħareġ ktieb dwar ħajtu u xogħlu; xi wħud miż-żgħażagħ kitbu fuq Dun Karm kif rawh bin-nuċċali ta' żmienhom u jien għidt lili nnifsi li l-aħjar ħaġa hi li nitkellem fuq Dun Karm fi żmenijietu.

Meta jmut poeta, u kull bniedem ieħor li l-personalità tiegħu tkun ilha taħkem l-opinjoni pubblika għal ħafna snin, barra dawk li jħossu t-telfa tiegħu għax ikunu għarfu fih il-ħajja

ta’ ideal, iqumu oħrajn, l-aktar fost iż-żgħażagħ, biex iwaqqgħuh minn fuq il-pedestall fejn ikun ilu mtella’ għal ħafna snin. Din mhix ħaġa li ġrat lil Dun Karm biss; hija regola tal-psikoloġija tal-bniedem. L-ebda kittieb kbir, insemmi fost uħud lil T. S. Eliot fi żmenijietna, lil Alessandro Manzoni fi żmenijiet aktar bikrija u awturi oħrajn, ma jilħaq jagħlaq għajnejh li ma jinħolqux minn fost rappreżentanti ta’ ġenerazzjoni aktar żagħżugħa kritiċi ikonoklastiċi li jippruvaw iniżżluh minn fuq il-pedestall. Din hija, tista’ tgħid, regula tal-imġiba tal-bniedem ingrat u għajjur li għandha għeruqha fil-komplessi ta’ konflitti li jinsabu ġo fina, konflitti qishom ħitan li jitilgħu bejn bniedem u bniedem anki meta għadhom ħajjin it-tnejn, u bejn ġenerazzjoni u oħra.

Wieħed mill-komplessi li joħolqu s-sistema ta’ kritika negattiva, it-twaqqigħ ta’ xi ħadd magħruf minn fuq il-pedestall, *the debunking of an established author*, biex ngħiduha bl-Ingliż, hu sens ta’ reazzjoni kontra għamla ta’ kitba jonkella supremazija ta’ awtorità li ħafna drabi tagħti fastidju liż-żgħażagħ, l-aktar dawk immaturi u impulsivi, li jkunu mgħaġġlin jitilgħu fuq il-pedestall huma stess mill-aktar fis għax m’għandhomx is-sabar jistennew iż-żmien itellagħhom hu. Għall-għatx tal-fama, jimbottaw lilhom infushom għal fuq il-pedestall li, imbagħad, ħafna drabi jitgerbu ’l isfel minn fuqu fl-opinjoni pubblika għax ma jiġġustifikawx il-pretensjonijiet tagħhom bil-kwalità ta’ xogħol li kapaċi jipproduċu huma stess. Biex tibni trid għaqal u ħila kbira. Biex twaqqa’ la għandek bżonn għaqal u anqas ħila. Bomba tista’ ġġarraf u tagħmel ħerba f’minuta kapulavuri bħal Notre Dame de Paris jonkella bħall-Kon-Katidral ta’ San Ġwann f’Malta li riedu s-snin biex telgħu kif inhuma llum. Imma għadha ma nstabet l-ebda bomba li kapaċi terġa’ ttellagħhom kif kienu fil-ħin li ħadet biex qerdithom. Il-kritika hija meħtieġa biex tgħinna nifhmu l-qalb u r-ruħ tal-poeta; l-aktar jekk il-kritiku jkollu l-ħila jinfed taħt il-qoxra u jdaħħalna taħtha biex induqu l-benna tal-qalba. Dan hu x-xogħol tal-kritiku interpretattiv li, jekk tabilħaqq jemmen fl-opra tal-poeta li jistudja, jipprova jinterpretah fi żmienu. Hemm kritiċi, u jien ma nafx kemm ħaqqhom dal-isem, li ħafna drabi fil-kritika tagħhom jipprojettaw lilhom infushom u jispiċċaw biex, aktar milli jinterpretawlna lill-poeta, jinterpretaw lilhom stess, donnhom iridu jgħidulna “li kieku dan ix-xogħol li qed nikkritika kelli nagħmlu jien, kont nagħmlu aħjar”. Imma biex tagħmlu aħjar irid ikollok it-talent artistiku, għax fejn ma hemmx nar lanqas ma hemm sħana, u ħafna drabi l-kritiku negattiv hu bniedem frustrat ta’ sensibilità fqira jew bla sensibilità xejn, li jipprova jgħolli lilu nnifsu biex jimla l-vojt ta’ ġo fih minn fuq dahar il-poeta. L-ewwel ħaġa li jinsa l-kritiku negattiv hu li għandu jinża’ l-preġudizzju tiegħu personali, joħroġ barra mis-soċjetà ta’ żmienu biex jidħol fis-soċjetà ta’ żmien il-poeta u hemmhekk jiltaqa’ wiċċ imb wiċċ miegħu u jarah kif għandu jarah, bħala l-poeta jew il-*vates*, ta’ żmenijietu. Is-soċjetà li qegħdin ngħixu fiha issa ma hix is-soċjetà ta’ żmien Dun Karm, bl-istess mod kif is-soċjetà ta’ ħamsin sena oħra mhix se tibqa’ s-soċjetà ta’ żmenijietna. Il-poeżija ta’ Dun Karm tinfirex f’argumenti li mhux kollha għadhom jolqtu l-immaġinazzjoni tal-ġenerazzjoni tal-lum, mhux għax dawn żvintaw, imma għaliex is-soċjetà Maltija qiegħda kulma tmur issib ruħha moralment u politikament maqlugħa mill-post li kellha fiċ-ċiviltà Nisranija Ewropea.

Soċjetà permissiva li drat taċċetta l-pornografija, biex nagħti eżempju, mhix ser taċċetta d-difiża poetika ta' Dun Karm tal-valuri kulturali u reliġjużi li ma spiċċawx fi żmienna għalkollox, imma li kienu qawwijin aktar fi żmienu. U la kien hekk mhux sewwa li lil Dun Karm noħorġuh barra minn żmienu u nagħtu ġudizzji żbaljati fuqu għax issa ż-żmenijiet tbiddlu. Jekk tbiddlu ż-żmenijiet ta' Dun Karm m'hemm l-ebda dubju li ser jitbiddlu wkoll iż-żmenijiet tagħna (jekk hux għall-aħjar jew għall-agħar, jafu Alla), u għalhekk m'għandniex nassoġġettaw il-valur poetiku ta' Dun Karm għal bdil fil-moda tal-ideat politiċi u morali. Anki l-kritiku żagħżugħ li, għax hu bin żmienu, ma jaċċettax dak kollu li kien għażiż għal Dun Karm, xorta waħda jrid jagħmel sforz biex jinterpreta lil Dun Karm kif kien u kif għadu fih innifsu, u biex jasal irid joħroġ 'il barra minn żmienu u mhux jagħmel bil-maqlub, kif għamlu xi wħud, jipprovaw joħorġu lil Dun Karm barra minn żmienu u jimbottawh fi żmenijietna. Il-kritiku li m'għandux ħila jagħmel dan aħjar idur dawra madwaru, jara l-limitazzjonijiet tiegħu u ma jażżardax fehmiet soġġettivi maqtugħin mill-kuntest soċjali u morali tal-poeta.

Nagħtu daqqa t'għajn lejn it-taqsimiet ewlenin tal-motivi poetiċi ta' Dun Karm. Iż-żewġ motivi ewlenin huma l-motiv patrijottiku u l-motiv reliġjuż. Nieħdu l-motiv patrijottiku. Dun Karm għex fi żmien meta l-identità nazzjonali ta' Malta kienet aktar Taljana milli Maltija. Il-problema ta' żmienu, u sa ċertu punt għadha problema ta' żmienna, kienet kif wieħed għandu jafferma l-identità ta' Malta Maltija. Għal ħafna snin qabel ma beda jikteb bil-Malti, Dun Karm kien jikteb il-poeżija bit-Taljan, għax hekk kienet il-moda kulturali ta' żmenijietu, bħalma awturi oħra, fosthom jien, kitbu bl-Ingliż għax inqabdu fil-kitba tal-poeżija bl-Ingliż, għax hekk kienet il-moda ta' żmieni – moda mibnija għall-prestiġju: il-Malti għas-seftura u l-ħaddiema tal-id; u t-Taljan, u fi żmienna l-Ingliż, għall-professjonisti u l-klassi pulita. Fi kliem ieħor, Dun Karm għex f'soċjetà klassista li kienet tingħażel mhux biss bi privileġġi ta' gruppi, imma anki bil-lingwa.

Kienu l-ħaddiema tat-tarzna u mhux il-professuri tal-università u lanqas il-kleru li ħassew il-ħtieġa mhux li jwarrbu l-lingwa Taljana, daqskemm li m'għandhomx iħallu l-lingwa Taljana tieħu post ilsien il-poplu, sa fl-istess qrati fejn is-sentenzi kienu jingħataw u jinkitbu bit-Taljan li ftit mill-kotra kienu jifhmuh. Kien il-Partit tal-Ħaddiema, kif kien immexxi minn Sir Paul Boffa, flimkien mal-Partit Kostituzzjonali, li beda jeħodha kontra l-impożizzjoni ta' lingwa barranija li ħafna kienu jistudjawha mhux għall-kobor tal-letteratura tagħha, imma għax kienet tifred lill-pulit mill-pastaż; lill-ħaddiem tal-id mill-ħaddiem tal-moħħ – soċjetà artifiċjali u egoista li żammet lill-poplu tagħna fl-injoranza għal ħafna snin u spiċċat biex herritilna s-sinsla ta' daharna bħala nazzjon għax qatt ma stajna nkunu żguri minna nfusna u sa issa għadna ma nafux jekk aħniex tabilħaqq Maltin, inkella barranin f'artna stess. Il-ġlieda politiko-soċjali ta' żmenijietna hi impernjata fuq l-ekonomija. Ġlieda importanti biex kulħadd ikun jista' jgħix aħjar mingħajr il-biża' tal-faqar, basta din ma tkunx imbuttata lejn il-materjaliżmu li jitma' l-ġisem tal-bniedem bħalma wieħed jitma' merħla nagħaġ, imma fl-istess ħin joqtollu ruħu u moħħu. Mela ladarba s-soċjetà ta' żmien Dun Karm, ħażin jew tajjeb, kienet maqbuda fi ġlieda għall-identità tagħha lingwistika u nazzjonali, u minħabba f'hekk min mar lejn in-naħa tal-

Italja li kienu jsejħulha *la Madre Patria*, u min xaqleb lejn in-naħa ta' Malta miskina, għax bdew jintebħu li, fl-aħħar mill-aħħar, Malta u mhux l-Italja hija *la Madre Patria* għalina; u min beda jmil lejn l-Ingilterra biss għax l-aħjar impjiegi, l-unuri, il-prestiġju, il-favuri u s-sigurtà politika kienu jarawhom dik in-naħa biss; ma tistax lil Dun Karm tmaqdru għax, kif akkużawh xi wħud, mill-poeżija tiegħu ma jidherx illi kien konxju tal-problemi soċjali jew ekonomiċi ta' żmenijietna. Hu importanti li Dun Karm xeħet il-piż tal-prestiġju tiegħu fuq in-naħa ta' Malta Maltija meta ħafna Maltin lil Malta kienu qed ibigħuha lill-barrani għax donnhom ma kenux żguri jekk ommhom kenitx Malta jonkella l-Italja – kwestjoni ta' skiżofrenja politiko-soċjali li għadna ma ħlisniex minnha, għax sal-lum għad hawn ħafna fostna li ma għarfux lil Malta bħala tabilħaqq *la Madre Patria* tagħhom. Ir-riħ qawwi ġdid għadu ma tajjarx għalkollox id-dħaħen tal-imgħoddi. Kontribut kbir mela ta' Dun Karm lis-soċjetà ta' żmienu hu l-fiduċja li wera f'Malta Maltija, fiduċja li ma żammhiex għalih waħdu imma ried jixgħelha wkoll bħalma wieħed jixgħel torċa fil-qlub tal-Maltin ta' żmienu. Biex jagħmel dan, telaq il-kitba tal-poeżija bit-Taljan u nxteħet għall-kitba tal-poeżija bil-Malti.

Naqraw is-sunett *Lill-Muża*. Tinnutaw fih l-ewwel nett is-sens ta' sodisfazzjon li Dun Karm ħass meta kixef ruħu beraħ fil-poeżija bil-Malti: u meta ra poeti żgħażagħ jimxu wara l-passi tiegħu. Importanti ħafna l-aħħar tliet versi tas-sunett fejn il-poeta juri li ma ddispjaċihx li ħalla l-muża Taljana biex flokha ntrabat mal-muża Maltija.

LILL-MUŻA

Moħtar lill-poeti
żgħażagħ Maltin

Issa ma nitnikketx, jekk fuq xofftejja
ma nħossx iżjed in-nifs tal-bewsa tiegħek,
ja Muża ħelwa; nżilt biżżejjed ħdejja
u bosta jien ġarrabt kif jgħannaq driegħek:
anqas nitnikket jekk minn ħbub għajnejja
jaħrab id-dawl tal-aħħar xemx u miegħek
iżjed ma niltaqax: hawn miet, f'idejja,
min lill-barrani kien, jaħasra! Ibigħek;
warajja tielgħa kotra qalbenija
ta' żgħażagħ ferreħin, u fit-triq tagħhom
ifuħ… ifuħ il-ward tal-poeżija;
u kelmthom safja dik li tahom Alla;
l-għanja mirquma, dik li tnisslet magħhom
fuq ħsiebhom, wiċċ is-sliem, tiddi qawsalla.

Għidtilkom illi kieku Dun Karm kien għadu ħaj sal-lum, għandu 105 snin. Dan ifisser li ħajtu nfirxet iżjed fl-imgħoddi milli fi żmienna. Madankollu, għex biżżejjed biex fi

xjuħitu sata’ jibda jara madwaru sinjali ta’ soċjetà li kienet bdiet tinbidel. Hu beża’ mill-bidla għax ħass li kienu qed jispiċċaw ċerti prinċipji sagri kemm bħala qassis, kemm bħala Malti, u għax kienu sagri għalih, iddefendiehom u kkundanna (innotaw tajjeb dan) mhux il-progress, imma t-taħsir tas-soċjetà Maltija li dejjem tixxadinja l-barrani. Wara mewtu, nistgħu ngħidu li Dun Karm ra żmerċ? Għal kull wieħed minna t-tweġiba fl-1976. Biżżejjed ħarsa madwarna biex naraw jekk Dun Karm snin ilu kellux tabilħaqq raġun ikun beżgħan li kienet qed tiġri xi ħaġa ħażina f’Malta, jagħdab għaliha, u jgħajjarha ‘miżbla’, kelma iebsa li tiġbor fiha s-sens ta’ biża’ li Malta kienet ħierġa barra minn triqtha u, fl-istess ħin, ta’ disprezz għal dawk il-Maltin li kienu qed jilqgħu, b’mod attiv jew passiv (aħna l-Maltin nies passivi ħafna), il-ħmieġ tal-barranin.

Naqraw il-poeżija *Lil Malta* li ddur fuq is-sitwazzjoni ta’ swied il-qalb ta’ Malta mħassra u araw intom jekk kellux għaliex jitnikket u jagħdab għal Malta:

LIL MALTA

*(Tal-lum u ta’ Għada)*

Malta fior del mondo
(Qawl ta’ qabel żmienna)

Kont il-warda tad-dinja u sirt il-miżbla;
minn kull xorta ta’ qżież dieħel ġo fik;
u int tilqgħu u tifraħ, mara belha!
u d-dinja tidħak bik.

Fejn hu l-għaqal tar-rġiel? Fejn hi tan-nisa
il-mistħija fil-ħars, fil-kliem, fil-lbies?
X’sar minnha l-warda tax-xbubija? Ahi qada!
kollox irmejt bla qies.

Għax ruħek mardet. Mingħajr ebda rażan
is-semm barrani dieħel ġol-ibliet
u ż-żgħażagħ tiegħek jixorbuh u jiskru,
jitkażbru bid-dnubiet,

u s-semm joktor u jiġri, u miexja l-pesta
fir-rħula wkoll u jmut quddiemha s-sliem!
ma fadallek lil ħadd min jilqa’ l-ħsara,
għax ma baqax ħlief kliem.

U qalbek birdet, għax m’għadhiex issaħħnek
dik l-Emmna mqaddsa li fil-jum tal-hemm
kissret l-għodda tal-għira u fuq Sant’Iermu
kitbet storja bid-demm

u rebħet għadu li ħadd ma kien rebaħ:
inti kollox niġġist, djar u triqat,
sa fis-satra tal-Knisja ddaħħal miegħek
il-kesħa tal-frugħat.

O, meta jasal bit-tifkira mqaddsa
Settembru mbikki u fl-oqbra minsijin
jitħarrek bi tnehida twila l-għadam
ta' dawk il-qalbenin;

isma' minni, tersaqx bit-tifħir f'fommok,
bir-rand f'idejk quddiem il-Monument;
jiena ngħidhulek: Gidba sar tifħirek,
u gidba l-Monument;

għax jiena rajthom lil missirijietna,
erwieħ ħosbiena, iduru mal-iswar,
ħarsthom miksura, marbutin dirgħajhom
fuq isdra tal-azzar,

ifittxu, ifittxu l-wirt li ħallew huma,
u jxenglu rashom għax ma rawh imkien;
u jerġgħu jinżlu ġo qabarhom, ħiemda,
bħal min tilef iż-żmien.

Malta! Jekk għadu ma nkitebx fis-sema
għalik il-ħaqq li mess lil Babilon,
arġa' lura fuq triqtek: Min ifejqek
jistenniek ġo Sijon.

Dil-poeżija tal-1934 wieħed jista' jsejħilha dokument kontemporanju, kif ukoll att ta' akkuża pubblika, lis-soċjetà ta' żmienu u ta' żmienna.

Il-poeta hawnhekk jieħu l-istatura ta' *vates*, profeta li jkellem lil niesu u jwiddibhom. Hu l-leġislatur tal-poplu Malti, kif isejjaħ Dhelley lill-poeta-leġislatur, mhux għax jagħmel il-liġijiet hu lill-poplu, imma għax ifakkar lill-poplu tiegħu li ħażin għalih jekk jibqa' jisfida l-liġijiet t'Alla għax jiġrilu, kif qed jiġri lilna llum, bħal min jixħet ġebla għas-sema u tiġih fuq rasu u toqtlu.

Dawk li, b'xi mod jew ieħor, għenu biex tinħoloq soċjetà permissiva (kollox tajjeb, xejn ħażin) jagħtu ħtija lilhom infushom għal kull ħsara li qed tiġri fil-familja tagħhom, xebbiet u ġuvintur, miżżewġa u mhumiex, maqbudin fil-ħamla tad-deġenerazzjoni.

U hawnhekk, m'għandniex xi ngħidu, tqum il-mistoqsija jekk ir-reliġjon, fl-aħħar mill-aħħar, fiha nfisha hix fenomenu ta' twemmin li jitbiddel minn żmien għal ieħor bħal ħafna fenomeni storiċi oħra. Jekk wieħed ir-reliġjon jaraha bħala fenomenu storiku spiritwali oġġettivament, it-tweġiba hi li kull reliġjon, ftit jew wisq, mhux biss titbiddel fiha nfisha, imma tinqata' għaliha minn reliġjonijiet oħra. Biex tapprezza l-poeżija ta' Dun Karm mhux bilfors wieħed irid jara r-reliġjon kif kien jaraha hu. Jista' ma jaqbilx. L-importanti hu li jasal biex, b'moħħu u b'qalbu, jifhem x'kienet tfisser ir-reliġjon għall-poeta mingħajr ma jħalli l-prinċipji u l-preġudizzji tiegħu joskuraw il-motiv poetiku. Il-kritiku, mela, irid ikun jifhem qabelxejn id-dinja tal-poeta u ma jibdilhiex mad-dinja li jemmen fiha hu, kif jagħmlu ħafna kritiċi li jispiċċaw biex aktar milli jixħtu dawl fuq il-poeta, jitfgħuh fuqhom infushom.

Dan jgħodd ukoll, ngħidu aħna, għall-kritiku Nisrani li jħares lejn il-letteratura ta' ċiviltà politeista bin-nuċċali ta' monoteista. Għall-mument il-kritiku jrid jagħmel sforz biex hu stess iħoss ta' politeista. Dan ma jfisserx li għandu jitlef is-sens tal-identità personali tiegħu u s-sens ta' valutazzjoni oġġettiva. Imma l-valuri soċjali u reliġjużi tal-poeta politeista għandu jżommhom sħaħ daqskemm kieku hu stess għexhom fi żmien il-politeisti, ngħidu aħna, tal-letteratura Klassika Griega u Latina. Dan ifisser li, kif jiġi biex jikkritika l-poeżija reliġjuża, il-kritiku qabel jikkummenta fuqha jrid ikun żgur li fehemha sewwa. Jekk inhu kritiku oġġettiv għandu jifhem il-poeżija ta' Dun Karm, ta' Francis Thompson u ta' Alessandro Manzoni kif inhi ispirata mir-reliġjon Nisranija, il-poeżija tat-Testment il-Qadim kif inhi ispirata min-nifs ta' Ġudajiżmu nazzjonali qawwi u hekk nistgħu nibqgħu ngħidu għall-poeżiji oħra ispirati mill-motivi tad-diversi reliġjonijiet. Din l-osservazzjoni qed nagħmilha għax xi kritiċi donnhom iħossu li l-motivi reliġjużi għamlu żmienhom. Din hija premessa żbaljata, ta' kritiċi superfiċjali, il-kritika ta' dawk li jħarsu, ngħidu aħna, lejn Dun Karm u Cuschieri bħala poeti sekondarji, u forsi għal xi wħud lanqas poeti, għax huma fuq kollox poeti reliġjużi. L-aktar li wieħed jista' jgħid hu li poeta li l-Muża tiegħu timraħ biss fil-wesgħat tar-reliġjon huwa poeta ta' ispirazzjoni limitata bħalma nammetti li hu l-Professur Anastasju Cuschieri. Dun Karm, ir-reliġjon kien iħossha qawwi ħafna għax kien jemmen fiha, u dan għaliex fi żmienu r-reliġjon kienet, aktar milli fi żmienna, forza spiritwali, forza dinamika.

Fost il-poeżiji reliġjużi tiegħu ta' min isemmi l-poeżija *Il-Vjatku*, mhux għax hi bilfors teknikament l-aħjar waħda imma għax hija dokument ta' drawwa reliġjuża li m'għadekx taraha. Kif tafu intom, illum il-vjatku nqata'. Imma forsi xi wħud minnkom bħali għadhom jiftakru b'liema ħerqa, solennità u devozzjoni Kristu fl-ostja kien jittieħed fid-dar ta' xi ħadd li jkun wasal fl-aħħar ħinijiet ta' ħajtu. Illum daqskemm hawn karozzi fit-triqat u inġenji oħra tat-traffiku, u nies għaddejjin mgħaġġlin 'il fuq u 'l isfel, donnhom iridu jaqbdu xi ħaġa li ma jistgħux, ma baqax wisa' għat-twassil tal-Ostja lill-moribond b'purċissjoni. Flok hekk, qassis waħdu jkennen l-Ostja ma' sidru, jaqsam il-folla kważi ħadd ma jittendi bih biex jieħu l-aħħar faraġ tal-Mulej lill-marid fuq l-għatba tad-dinja l-oħra.

## IL-VJATKU

Fil-ħin nisma' kemm kemm leħen qanpiena:
— Drajtu biżżejjed dak il-leħen — jersaq
U kulma jmur jitqawwa. F'daqqa waħda
Nilmaħ jitħarrku

Xi dwal, tnejn tnejn… Resqin… man-naħa l-waħda
U mal-oħra tat-triq jitqassmu: iħeffu,
Quddiem, it-tfal; fin-nofs tmewweġ u tħammar
Bandiera ċkejkna.

Qegħdin joqorbu sew… beda jinstama'
Il-leħen tal-qassis u tan-nies l-oħra: jidhru
Id-dwal fit-twieqi, wara l-ħġieġ, u f'nofshom
Nies għarkopptejhom.

Għaddej Ġesù… billejl, fir-riħ, fix-xita!
Kollu ħniena u mogħdrija, kollu mħabba,
Sejjer iqawwi l-qalb u r-ruħ ta' msejken
Fl-aħħar taqbida.

Nistħajjel miegħu għaddejjin moħbija
Għall-għajnejn tal-bnedmin, anġli bil-qtajja'.
U lilu jfaħħru li f'daqsxejn ħobż abjad
Il-kobor tiegħu.

Għalaq u ħeba, u b'għira mqaddsa jżiġġu
Għall-hena ta' min bih jixba' u jitwettaq.
Għadda Ġesù… warajh baqgħet bħal fwieħa
Ħelwa tal-ġenna.

O tagħlim il-Feddej! O Emmna mqaddsa!
Kemm intom sbieħ! Kemm fikom għerf tas-sema!
O Tjieba ta' bla tarf, int biss stajt tagħmel
Dal-ġenn ta' mħabba!

* * *

Deh, meta l-jiem ta' din il-ħajja għalija
Ikunu waslu biex jintemmu, u mdejjaq
Taħt il-ħakma tal-mewt, kollu nistħajlu

Ħolma l-imgħoddi.

Ikun billejl, ikun binhar, fix-xitwa
Jew fil-qilla tas-sajf, hekk, ja Mulejja,
Ejja żurni bit-tfal tnejn tnejn, bil-leħen
Li jitlob ħniena.

L-aħħar Ħabib, ejja ġo sidri, u qiegħed
Qalbek fuq qalbi u minn kull dnub saffiha:
Miegħek mgħannaq, Ġesù, naqbad bla biża'
It-triq ta' dejjem.

Illum dawk fostna li huma morda bl-anemija spiritwali forsi ma jħossux l-emozzjonijiet miġbura f'dawn il-versi. Imma n-nuqqas ta' sensibilità poetika qiegħda min-naħa tagħhom u mhux min-naħa ta' Dun Karm.

Illum l-argument reliġjuż m'għadux jissemma fil-poeżija Maltija ta' żmenijietna daqskemm kien, forsi għax ħafna jħossuh argument ripetut, imma jien ikolli ngħid illi aktar minn hekk dan ġara minħabba t-taħwid tal-ideoloġiji ta' żmenijietna li tellgħu ħajt bejnna u bejn il-ġenerazzjoni ta' Dun Karm. Kull argument uman, kien reliġjuż jew le, jibqa' qawwi jew dgħajjef skont l-ambjent intellettwali u kulturali taż-żmenijiet. Fi kliem ieħor, il-motiv reliġjuż, għax hu motiv uman, huwa nixxiegħa li ma tieqaf qatt għax l-ilma dejjem tiela' minn qiegħ l-art li nistgħu nxebbhuha ma' qiegħ ruħ il-bniedem.

Sa hawn nistgħu ngħidu li l-enfasi fuq l-argument reliġjuż fil-poeżija ta' Dun Karm tagħżel il-ġenerazzjoni tiegħu mill-ġenerazzjoni tagħna, u wisq iżjed minn ta' dawk li huma iżgħar minna, għax, ngħid għalija, jien u dawk ta' għomri lħaqna l-ġenerazzjoni tiegħu wkoll u forsi lil Dun Karm nifhmuh aktar minn xi żgħażagħ li l-formazzjoni kulturali tagħhom hija nieqsa mill-ħmira ta' filosofija storika reliġjuża.

Karatteristika qawwija oħra tal-ġenerazzjoni ta' żmien Dun Karm hija s-sens ta' patrijottiżmu qawwi li fi żmenijietna qiegħed jiddgħajjef ġmielu. Illum il-patrijottiżmu huwa kważi skreditat għax għallmuna li l-bniedem huwa ċittadin tad-dinja u għalhekk il-patrijottiżmu bħala mħabba ta' art waħda fost oħrajn huwa ideal żbaljat. Kien ikun ideal żbaljat kieku b'patrijottiżmu kellna nifhmu dik ix-xorta ta' mħabba għamja u aggressiva għal pajjiżna li biex tikber hi, iċċekken u teqred ir-rispett għad-dinjità u libertà ta' pajjiżi oħra. Qed ngħidu għan-nazzjonaliżmu esaġerat tan-Naziżmu u tal-Faxxiżmu. Imma meta l-patrijottiżmu jfisser, kif għandu jfisser, sens ta' identità nazzjonali u rabta ma' niesna, ma' arthom, huwa sentiment uman u nobbli daqskemm hi sentiment uman u nobbli l-imħabba għall-familja tagħna. Il-bniedem minnu nnifsu jħoss ruħu marbut ma' pajjiżu qabel pajjiżi barranin. Mhux biss, imma sa fl-istess pajjiżu l-bniedem għandu rabtiet iżjed ta' ġewwa mal-post fejn ikun trabba qabel postijiet oħra fl-istess pajjiż kif fisser ruħu tajjeb Hilaire Belloc fil-poeżija tiegħu *The South Country*.

L-ideoloġija internazzjonalista li trid twitti kollox u tgħattan taħtha s-sens ta' patrijottiżmu wasslet ħafna rinnegati għat-tradiment ta' pajjiżhom għax bosta drabi dehrilhom li kienu qed jaqdu l-umanità meta, għall-ideal tagħhom, inħallu minn pajjiżhom. Meta jiġri dan, l-internazzjonaliżmu jsir skuża biex jinqered is-sens ta' patrijottiżmu, jinħall l-irbit kollu ma' art twelidna, u flok il-lealtà lejn art twelidhom jidħlu l-iżlealtà u t-tradiment. L-internazzjonaliżmu bla bandiera jwassal għall-qerda tas-sentiment nazzjonali u jiftaħ it-triq lill-Ġudiet tal-pajjiż. Hu biss is-sens reliġjuż ta' umanità magħmula min-nies li jissejħu wlied Missier wieħed li jorbot il-ġnus kollha flimkien bir-rabta tal-ġustizzja u l-paċi ma' kulħadd.

L-istess fundatur tal-Kristjaneżmu, li kellu viżjoni globali tal-umanità, bħala Lhudi ħass ruħu marbuta ma' Ġerusalemm, u beka l-qerda ġejjiena tagħha mas-suldati Rumani bħalma ħafna oħrajn fl-aħħar gwerra bkew il-qerda ta' pajjiżhom min-Nazisti u mill-Faxxisti. Anki hawnhekk inħoss li l-poeżija patrijottika ta' Dun Karm tintrabat aktar ma' żmenijietu milli ma' żmenijietna.

Fost poeżiji li juru r-rabta kbira ta' Dun Karm ma' Malta, insemmu dawn: *Lil Malta – Fuq il-Fruntiera; Il-Bandiera Maltija; Għal Dun Mikiel Xerri; Lil Mikiel Anton Vassalli; It-Tifla tar-Raba'; Lil Malta* u oħrajn. Minn dawn nieħu s-sunett *Il-Bandiera Maltija*:

Hekk, bajda u ħamra biss, irridek jiena,
Bandiera ħelwa ta' din l-art ħanina,
Għax kull meta s-sibbien ħabtu għalina
Hekk, bajda u ħamra biss, rawk il-ħajjiena.

Bajda u safja bħas-sema fil-Libiena,
Meta f'Novembru sajf ieħor jiġina;
Ħamra bħad-demm fuq wiċċ ta' xebba rżina
Minn dawk li int rabbejt għax-xogħ'l qalbiena.

Hekk, bajda u ħamra biss; kull lewn barrani,
Li jitħallat ma' lwienek, ikun blu,
Jew ikun aħdar, iħassarlek ismek,

Mhux ismek biss jitħassar, iżda ġismek
Is-sabiħ ġismek ma jibqax li hu:
Imbagħ'd… ma jiswa xejn tibki l-warrani.

Dan is-sunett qajjem ħafna spekulazzjonijiet dwar x'ried jgħid sewwa Dun Karm, li għalih biex Malta tibqa' Maltija, jeħtiġilha tagħraf l-identità nazzjonali tagħha u ma tibqax tinżel kokka f'riġlejn il-barranin bħal waħda mifluġa li ma għandhiex saħħa tqum fuq riġlejha waħedha l-ħin kollu għax tistenna l-barrani jqajjimha mill-art.

Il-problema tal-identità nazzjonali għadna nħabbtu wiċċna magħha għalkemm minn dak iż-żmien 'l hawn Malta ħadet rajha f'idejha, saret, l-ewwel, art indipendenti u wara Repubblika. B'dan it-tibdil Kostituzzjonali kollu, jiena nħoss li Dun Karm xorta waħda kien jikteb dan is-sunett kieku baqa' ħaj fi żmienna, il-għaliex l-identità nazzjonali tagħna Maltija għadha ma ġietx affermata biżżejjed bil-qawwa kollha meħtieġa. Xorta waħda ħafna Maltin għadhom iħossuhom superjuri jekk jitkellmu bl-Ingliż ma' Maltin oħra, ħafna drabi speċi ta' Ingliż ta' kafkaf, u mhux bil-Malti, l-aktar f'xi okkażjonijiet soċjali u sa f'xi korrispondenza uffiċjali.

Il-kelma patrijottiżmu hi grammatikalment nom astratt u, bħan-nomi astratti kollha, tfisser xi ħaġa li ma tistax taqbadha b'idejk. Il-kontenut konkret tal-patrijottiżmu Malti huwa Malta. Patrijott Malti mela hu, min lil Malta jħobbha kollha kemm hi b'wirt ġensha kollu. Bil-kelma 'Malta', imbagħad, għandna nifhmu l-ġens Malti, dak il-ġens li Rużar Briffa f'waħda mill-poeżiji tiegħu sejjaħlu "*ġens li jaf elf ġrajja,/u kien ewlieni fost il-ġnus bikrin,/ġens illi bennen għerf u ġieħ l-Ewropa/fis-snin minsija*". Għal ħafna snin l-istorja ta' Malta kienet l-istorja tal-barranin f'pajjiżna, l-istorja tal-ħakkiema fewdatarji Spanjoli, u viċirejiet ta' Sqallija, l-istorja tal-kavallieri u gran mastri, l-istorja tal-Franċiżi wara t-telfa tal-Ordni u mill-bidu tal-ħakma Ingliża mill-1800 sa ma Malta saret Indipendenti fl-1964, l-istorja tal-gvernaturi fl-aħħar snin tal-karriera tagħhom.

Dun Karm, f'xi wħud mill-poeżiji tiegħu, żammilna, biex ngħidu hekk, miftuħ għal dejjem mużew ta' xi drawwiet ġensna li, ftit ftit, qed jinqerdu fi żmienna, kwadri ta' ħajja Maltija fir-raba', fuq in-newl, snajja' u oħrajn. Dari n-newl kont issibu, tista' tgħid, f'kull dar. Dawn il-versi li ġejjin jagħtuna kwadru tan-nissieġa, ix-xebba Maltija bieżla taħdem fuq in-newl:

IN-NISSIEĠA

Anqas biss żernaq; qalb id-dlam imkebba
Il-ħlejjaq kollha donnhom għadhom rieqda:
Int biss, ja xebba, ksirt in-ngħas u kmieni
Ħriġt minn ġo friexek.

Musbieħ inemnem minn ġot-tieqa mbexxqa
Jagħmel sing abjad fuq il-ħajt quddiemek
U t-triq iwennes: int bla xejn ma taħseb,
Fil-bard, fix-xita,

Fuq in-newl titla' qalbenija: tqiegħed
Mingħajr ma tħares, iż-żerkuna u fuqha
Kemxejn tintelaq; is-salib imqaddes
Trodd u titħejja,

Tibda t-twerżiqa minn tar-rfies li jmorru
’L isfel u ’l fuq kif jitla’ u jinżel riġlek;
Minn id għal oħra, bla ma tonqos darba,
Il-mekkuk titfa’,

Li jgħaddi jiġri minn ġol-medd u jħalli
Warajh il-ħajta minn daqsxejn ta’ mserka
Filwaqt l’int taqbad jew b’din l-id jew bl-oħra
Id-deff u tħabbat.

Naraw issa mill-versi li ġejjin, meħudin mis-saffika *Ġunju*, lil Dun Karm jitgħaxxaq bil-bżulija tal-bdiewa tagħna fi żmien il-ħsad:

Ja Ġunju, int sabiħ! Għax inti twettaq
It-tama ta’ min jaħrat u fik jaħseb:
Int trodd bil-kotra l-ftit li l-bidwi jitfa’
Bejn radda u oħra.

Għalhekk hi hienja l-għanja ta’ min jidres,
Għalkemm ix-xemx iddoqq fuqu bla ħniena;
Għalhekk ferħan bil-midra f’idu jderri
F’daqsxejn ta’ żiffa.

Warajk il-għorma tfur bit-tgħam imdieheb,
Warajk il-mitħna ddur u d-dqiq ibajjad,
Warajk il-benna minn tal-ħobż li jxoqqlok
Qalbek bi fwieħtu.

Jekk inti tferrħu, xejn ma jgħodd li kiesaħ
Jersaq fuqu Jannar bil-bard u x-xita:
Fid-dar kennija dwar il-mejda, dejjem
Hieni jinġabar.

U hawn nagħlaq it-taħdita tiegħi. Għal dawk li warajja f’dil-Konferenza Kommemorattiva għad iridu jitkellmu fuq Dun Karm għad fadal twieqi oħra x’jinfetħu fuq il-ġnien tal-Muża ta’ Dun Karm.